A.L. 25 ta' l-1999

ATT DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

Regolamenti ta' l-1999 dwar Solventi Estrattivi fi Ħwejjeġ ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru tas-Saħħa, bil-parir ta' l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*, għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u dħul fis-seħħ.

1.1 Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 dwar Solventi Estrattivi fi Ħwejjeġ ta' l-Ikel.

1.2 Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-27 ta' April, 1999, iżda prodotti maħruġin fis-suq jew immarkati b'tikketta qabel dik id-data u li ma jikkonformawx mal-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti jistgħu jibgħqu fis-suq sakemm jispiċċaw il-ħażniet tagħhom.

Tifsir.

2.1 F'dawn ir-regolamenti, għandhom japplikaw dawn it-tifsiriet, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx xort' oħra –

"solvent" tfisser kull sustanza li tħoll oġġett ta' l-ikel jew xi komponent tiegħu, inkluża kull sustanza li tikkontamina li tkun fi jew fuq dak l-oġġett ta' l-ikel; u

"solvent estrattiv" tfisser solvent li jintuża fi proċedura ta' estrazzjoni waqt l-ipproċessar ta' materjal grezz, ta' oġġetti ta' l-ikel jew ta' komponenti jew ingredjenti ta' dawk il-prodotti, u li jitneħħa imma li jista' jirriżulta fil-preżenza mhux intenzjonata imma li teknikament ma tistax tkun evitata ta' residwi jew derivattivi fl-oġġett ta' l-ikel jew fl-ingredjent ta' l-ikel.

Lista ta' solventi estrattivi permessi.

3.1 Dawk is-sustanzi u materjali biss li huma permessi minn dawn ir-regolamenti jistgħu jintużaw bħala solventi estrattivi fl-ipproċessar ta' materjal grezz, oġġetti ta' l-ikel, komponenti ta' ikel jew ingredjenti ta' ikel u biss taħt kondizzjonijiet ta' użu speċifikati u fil-limiti ta' l-ogħla residwu, jekk ikun il-każ.

3.2 Is-solventi estrattivi li ġejjin huma permessi għal kull użu, skond il-prattika ta' manifatturar tajba sakemm residwi jew derivattivi li jistgħu jirriżultaw ikunu preżenti biss fi kwantitajiet li teknikament ma jistgħux ikunu evitati u li ma jippreżentaw ebda periklu għas-saħħa tal-bniedem:

Propan	Aċeton[1]
Butan	Ossidu Nitruż
Ethyl Acetate	Diossidu tal-karbon.
Ethanol	

[1] L-użu ta' l-aċeton fir-raffinar taż-żejt ta' l-għadam taż-żebbuġ hu pprojbit.

3.3 Is-solventi estrattivi li ġejjin jistgħu jintużaw biss f'kondizzjonijiet ta' użu speċifikati:

Isem/Kondizzjoni ta' użu (deskrizzjoni fil-qosor kif issir l-estrazzjoni)	Limiti ta' l-oghla residwu f'oġġetti ta' l-ikel jew ingredjenti ta' l-ikel estratti
Hexane [2]	
(Prodott kummerċjali li essenzjalment jikkonsisti f'idrokarboni saturati aċikliċi li fihom 6 atomi tal-karbon u li jiddistilla f'temperatura bejn 64° C u 70° C)	
Produzzjoni jew iffrazzjonar ta' xaħmijiet u żjut u produzzjoni ta' butir tal-kawkaw	1 mg/kg f'xaħam jew żejt jew butir tal-kawkaw
Preparazzjoni ta' prodotti ta' proteina b'xaħam imneħħi u dqiq b'xaħam imneħħi	10 mg/kg f'ikel li jkun fih prodotti ta' proteina b'xaħam imneħħi u dqiq b'xaħam 30 mg/kg fi prodotti tas-soja b'xaħam imneħħi kif mibjugħin lill-konsumatur aħħari
Preparazzjoni ta' ġermi ta' ċereali b'xaħam imneħħi	5 mg/kg f'ġermi ta' ċereali b'xaħam imneħħi
Methyl acetate	
Tneħħija tal-kaffeina minn kafè, jew tneħħija ta' kull irritar u mrara minn kafè u te	20 mg/kg fil-kafè jew te
Produzzjoni ta' zokkor minn melassa	1 mg/kg fiz-zokkor
Ethyl methyl ketone[3]	
Frazzjonar ta' xaħmijiet u żjut	5 mg/kg f'xaħam jew żejt
Tneħħija tal-kaffeina mill-kafè, jew tneħħija ta' kull irritar u mrara minn kafè u te	20 mg/kg fil-kafè jew te
Dichloromethane	
Tneħħija tal-kaffeina mill-kafè, jew tneħħija ta' kull irritar u mrara minn kafè u te	2 mg/kg fil-kafè inkaljat, 5 mg/kg fit-te
Methanol	
Kull użu	10 mg/kg
Propan-2-ol	
Kull użu	10 mg/kg

[2] L-użu flimkien ta' hexane u ethyl methyl ketone hu pprojbit.

[3] Il-preżenza ta' n-hexane f'dan is-solvent m'għandhiex taqbeż il-50 mg/kg. Dan is-solvent ma jistax jintuża flimkien mal-hexane.

3.4 Is-solventi estrattivi li ġejjin jistgħu jintużaw biss f'kondizzjonijiet ta' użu speċifikati:

Isem	L-ogħla limiti ta' residwu f'oġġetti ta' l-ikel minħabba l-użu ta' solventi estrattivi fil-preparazzjoni ta' sapuri minn sustanzi naturali li jagħtu t-togħma
Etere diethyl	2mg/kg
Hexane[2]	1mg/kg
Cyclohexane	1mg/kg
Methyl acetate	1mg/kg
Butan-1-ol	1mg/kg
Butan-2-ol	1mg/kg
Ethyl methyl ketone[2]	1mg/kg
Dichloromethane	0.02 mg/kg
Propan-1-ol	1mg/kg
1,1,1,2-tetrafluoroethane	0.02 mg/kg

Awtorizzazzjonijiet addizzjonali.

3.5 Hu permess l-użu ta' sustanzi li jintużaw biex ikunu dilwiti jew maħlula sapuri bħala solventi għall-estrazzjoni ta' sapuri minn sustanzi naturali li jagħtu togħma.

3.6 L-ilma, li jistgħu jkunu żdiedu miegħu sustanzi li jirregolaw l-aċidità jew l-alkalinità, dawk l-oġġetti ta' l-ikel oħrajn li għandhom proprjetajiet solventi, u l-ethanol, huma awtorizzati bħala solventi estrattivi fil-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel jew ta' ingredjenti ta' l-ikel.

Applikabilità.

4.1 Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal solventi estrattivi użati jew maħsubin biex jintużaw fil-produzzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel jew ta' ingredjenti ta' l-ikel.

4.2 Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw bla preġudizzju għall-provvedimenti adottati taħt regolamenti aktar speċifiċi.

4.3 Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw bl-istess mod għal oġġetti ta' l-ikel jew ingredjenti ta' l-ikel importati ġewwa Malta, u li jkunu intużaw solventi estrattivi fil-produzzjoni tagħhom.

[2] L-użu flimkien ta' hexane u ethyl methyl ketone hu pprojbit.

4.4 Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal solventi estrattivi jew għal oġġetti ta' l-ikel maħsubin għall-esportazzjoni minn Malta.

4.5 Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal solventi estrattivi li jintużaw fil-produzzjoni ta' addittivi ta' l-ikel, vitamini u nutrimenti oħra sakemm dawn ma jkunux elenkati fir-regolament 3.2, 3.3 u 3.4 u sakemm l-użu ta' addittivi, vitamini u nutrimenti oħra ma jwasslux biex l-oġġetti ta' l-ikel jkun fihom livelli ta' residwu ta' solventi estrattivi li jkunu perikolużi għas-saħħa tal-bniedem.

Twaħħil ta' tikketti.

5.1 Is-sustanzi mniżżlin fir-regolamenti 3.2, 3.3, u 3.4 u li huma maħsubin biex jintużaw bħala solventi estrattivi f'oġġetti ta' l-ikel jistgħu jitqegħdu fis-suq biss jekk l-ippakkjar, it-tikketti jew il-konteniturі tagħhom ikollhom fuqhom l-informazzjoni li ġejja li għandha tkun tidher ċar, tinqara tajjeb u ma titħassarx:

5.1.1 l-isem kummerċjali tas-sustanza kif imniżżel fir-regolamenti 3.2, 3.3 u 3.4;

5.1.2 indikazzjoni ċara li l-materjal użat ikun ta' kwalità addattata biex tintuża fl-estrazzjoni ta' l-ikel jew ta' ingredjenti ta' l-ikel;

5.1.3 referenza li tidentifika l-partita jew il-lott;

5.1.4 l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-manifattur, ta' min ippakkja jew ta' bejjiegħ stabbilit f'Malta;

5.1.5 il-kwantità netta, fi kwantitajiet ta' volum;

5.1.6 jekk meħtieġ, xi kondizzjoni ta' tiħżin speċjali jew xi kondizzjoni għall-użu.

5.2 L-informazzjoni speċifikata fir-regolamenti 5.1.3., 5.1.4, 5.1.5 u 5.1.6 tista' tidher biss fuq dokumenti tan-negozju li jkollhom x'jaqsmu mal-partita jew il-lott li għandhom jingħataw mal-konsenja jew qabilha.

5.3 Il-provvedimenti stabbiliti f'dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw bla preġudizzju għal provvedimenti aktar eżatti jew aktar wesgħin dwar piżijiet u qisien jew provvedimenti li japplikaw għall-klassifikazzjoni, ippakkjar jew twaħħil ta' tikketti fuq sustanzi u preparamenti perikolużi.

5.4 Id-dettalji li hemm ipprovdut dwarhom f'dawn ir-regolamenti għandhom jidhru bil-Malti, bl-Ingliż jew bit-Taljan. Dan il-provvediment ma jeskludix li dawk id-dettalji jistgħu jidhru wkoll f'ilsna oħra.

6.1 Is-sustanzi u l-materjali li huma elenkati bħala solventi estrattivi fir-regolamenti 3.2, 3.3 u 3.4 m'għandux ikollhom xi ammonti tossoloġikament perikoluż ta' xi element jew sustanza u, sakemm ma jkunx hemm kriterji ta' purità speċifiċi li jitolbu xort'oħra, m'għandux ikollhom aktar minn 1 mg/kg arseniku jew aktar minn 1 mg/kg ċomb. Kriterji ta' purità.

6.2 Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jissospendi temporanjament jew jirrestrinġi l-użu ta' xi solvent estrattiv jekk ikun hemm raġunijiet dettaljati biex jistabbilixxi li l-użu f'oġġett ta' l-ikel ta' sustanza jew ta' livell ta' wieħed jew aktar mill-komponenti tas-solvent jista' jipperikola s-saħħa tal-bniedem. Periklu għas-saħħa.